# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

SERVIZZ PUBBLIKU

# Il-Fotografu

**MIN JAF KEMM-IL DARBA L-MAMÀ JEW IL-PAPÀ QALULNA BIEX NIEĦDU RITRATT ĦALLI NIBQGĦU NIFTAKRU DAK IL-MUMENT PARTIKOLARI!**

**JEW MIN JAF KEMM-IL DARBA WREWNA XI RITRATTI TA' META ĦUMA STESS KIENU GĦADHOM ŻGĦAR!**



Dan għaliex meta nieħdu ritratt inkunu qed naħżnu memorja, li tibqa' magħna matul iż-żmien.

Hawn min jgħid li stampa waħda tiswa daqs elf kelma. Dan għaliex permezz ta' stampa jew ritratt tista' twassal ħafna stejjer u emozzjonijiet.

Fis-Servizz Pubbliku hawn nies illi xogħolhom hu li jieħdu r-ritratti, biex flimkien mal-kitba jagħtu stampa ta' kull attività li jagħmel il-gvern.

Il-fotografi huma bżonjużi anke meta jseħħu avvenimenti speċjali. B'hekk waqt ix-xogħol tagħhom ikollhom l-opportunità li jesperjenzaw ħafna affarijiet importanti, bħal pereżempju meta ġie l-Papa f'Malta. Ix-xogħol ta' fotografu tas-Servizz Pubbliku huwa li permezz tar-ritratt li jieħu, lil min ma jkunx hemm dak il-ħin jagħtih l-opportunità li xorta jsir jaf x'ġara. Għalhekk il-fotografi jżuru wkoll avvenimenti kulturali sbieħ bħall-Karnival u l-Imnarja fost l-oħrajn.

Illum il-ġurnata tista' tibda tipprattika l-fotografija sa minn età żgħira ħafna, permezz ta' xi kamera diġitali jew mowbajl, mingħajr spejjeż kbar.

Hemm diversi korsijiet dwar dan is-suġġett, speċjalment l-MCAST. Fil-fotografija hemm numru ta' regoli li trid titgħallimhom, għax l-istess suġġett ta' ritratt tista' twasslu b'metodi differenti, bid-dwal li tuża, l-angoli li minnhom tieħu r-ritratt, u l-kuluri, fost l-oħrajn. Għalhekk trid ukoll tkun kreattiv u kapaċi tinduna b'ċerti dettalji li ħaddieħor ma jindunax bihom.

Apparti li jieħdu r-ritratti l-fotografi jaħżnu dawn it-tifkiriet, biex ikunu kapaċi jsibuhom wara ħafna snin. Id-Dipartiment tal-Informazzjoni għandu eluf kbar ta' ritratti li ttieħdu matul is-snin, fosthom ta' avvenimenti tassew importanti fl-istorja ta' Malta.

**TAQTGĦUX QALBKOM JEKK L-EWWEL RITRATTI LI TIEĦDU MA JOGĦĠBUKOMX. IKTAR MA TIPPRATTIKAW U TESPERIMENTAW AKTAR ITTEJBU L-ĦILIET TAGĦKOM!**



# L-Istampatur



**QATT ĦSIBT XI JKUN IL-PROĊESS BIEX MAGAŻIN BĦALMA GĦANDKOM F'IDEJKOM JASAL GĦANDKOM?**

Parti kbira mill-proċess huwa l-ħsieb, it-tpinġija u l-kitba. Imma mbagħad, wara dan kollu, il-magażin jiġi stampat u mqassam għandkom.

Xogħol l-istampatur huwa li jirċievi l-magażin iddisinjat u permezz ta' magni u linka speċjali jwassal għal dan il-prodott finali. Fis-Servizz Pubbliku hemm ħaddiema li xogħolhom hu li jistampaw. Dan ix-xogħol isir f'bini fil-Marsa li jissejjaħ 'l-Istamperija tal-Gvern'.

Hawnhekk jiġu stampati ħafna u ħafna dokumenti, fosthom il-gazzetta uffiċjali tal-gvern, kotba, id-dokumenti li jintużaw għall-elezzjoni u xogħol ieħor, bħaċ-ċekkijiet tal-gvern li jitqassmu fid-djar.

L-Istamperija tal-Gvern kienet fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-COVID. Minnha ħarġu l-ittri kollha li ntbagħtu lin-nies biex jieħdu t-tilqima kif ukoll ġew stampati l-vawċers kollha li qassam il-gvern.

Il-proċess huwa differenti minn meta jkollok printer id-dar għax jinvolvi kwantità kbira. Pereżempju meta kien stampat il-workbook X'tixtieq issir la tikber?, li tqassam lill-istudenti kollha tas-snin 1, 2 u 3, saru b'kollox madwar 15,000 kopja!

Għalhekk l-istampatur irid joqgħod attent li jiċċekkja sew ix-xogħol li jkun hiereġ ħalli ma jindunax fl-aħħar li jkun ħareġ xogħol ħażin. Fost l-oħrajn l-istampatur juża l-lenti ħalli jiċċekkja kollox, sal-inqas dettall.



Ix-xogħol ta' stampatur huwa meqjus bħala sengħa importanti, tant li qed isiru korsijiet apposta mill-MCAST li jwasslu għal diploma fl-istampar.

F'din is-sengħa, minbarra l-magni li jużaw il-linka biex minn karti bojod joħorġu l-karti finali, insibu magni oħra speċjali, bħal pereżempju l-giljottina, li taqta' l-karti fid-daqsijiet li jkun hemm bżonn. Din kapaċi taqta' ħafna karti f'daqqa.

**META TUŻAW KWALUNKWE MAGNA, OQOGĦDU ATTENTI LI TUŻAWHA SEW U LI JKUN HEMM IL-ĠENITURI TAGĦKOM MAGĦKOM!**

*Żomm kuntatt magħna!*